# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum il-21 ta' Jannar 2021**

Appell numru 317 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Carmelo SAMMUT**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Novembru 2019 fil-konfront ta' Carmelo SAMMUT, karta tal-identità bin-numru 229764M fejn, oriġinarjament, ġie mixli:

   > Talli minn Marzu 2018 sa Dicembru 2018 fil-Gżejjer Maltin (1) Inqast milli taghti lil DORIANNE SAMMUT, is-somma, iffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek u/jew martek, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9 Artiklu 338 (z)).

2. Matul is-seduta tat-8 t'April 2019 ġie verbalizzat is-segwenti :

Deher l-imputat debitament assistit minn Dr. Daniel Buttigieg li qed jaddi l-pagament peremezz ta' cheque ghal-Awwissu 2018 sa MArzu 2019 seduta stante ghal-ammont ta' 4200 ewro.
Dr. Buttigieg qed jirrileva ghar-rigward tax-xhud minn Marzu 2018 sa 20 ta' Awwissu 2018, l-ammont huwa preskritt.
Dehret il-parte civile assistita minn Dr. Maria Azzopardi.
L-Ufficjal Prosekutur qed jitlob korrezjoni fl-akkuza u cioe li mal-akkuza jigi mizjud "l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti kissru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula minnhu b'rezoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat"
Dr. Buttigieg joggezzjona ghal-korrezzjoni stante illi l-akkuza ghandha tirifletti kull pagament dovut separatament u ghalhekk gialadarba kull nuqqas ta' pagament huwa nuqqas ta' ottemperanza ma ordni tal-Qorti f'kull xahar , ir-reat ma jistghax jitqies bhala wiehed kontinwat. Dan apparti l-fatt illi tali korrezjoni ma tistaghax tintalaba wara li d-difiza tkun ecepiet diga l-preskrizzjoni ta' uhud mil-akkuzi.
Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjoni tal- preskrizzjoni tilqa' t-talba tal-Ufficjal Prosekutur u tordna sabiex l-imputat jigi notifikat bl-akkuzi il-godda.
L-imputat qed jigi notifikat in awla seduta stante.
Il-parte civile f'dan l-istadju qed taccetta il-pagament ghax-xhur ta' Awwissu 2018 sa Marzu 2019...

3. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni skont kif korretta miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Ikkunsidrat

Illi fl-ewwel deher l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fl-akkuza sabiex jizdied l-Artikolu 18 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-reat jigi kkunsidrat bhala reat kontinwat. Il-Qorti wara li semghet is-sottomissjonijiet dwar it-talba, laqghet it-talba u l-akkuzat gie nnotifikat bl-akkuza l-godda *seduta stante*.

Illi fis-seduta tat-8 t'April 2019, l-akkuzat ghadda l-pagament seduta stante tal-manteniment li kien dovut ghax-xhur min Awissu 2018 sa Marzu 2019, ghalkemm l-akkuza kienet sa' Dicembru 2018, fejn sostna illi ghar-rigward tax-xhur minn Marzu 2018 sa Awissu 2018 l-ammont huwa preskritt.

Illi fl-istess seduta, xehdet il-*parte civile* Dorianne Sammut, fejn qalet illi l-akkuzat kien hallasha l-ahhar fl- 4 ta' Marzu 2018 u ghalhekk kellu jhallas minn 5 ta' Marzu 2018 sad-9 ta' Dicembru 2018.

Illi xehed ukoll fl-istess seduta l-imputat Carmelo Sammut fejn qal illi hu kien offra pagament ghax xhur minn Awissu 2018 sa Marzu 2019 izda l-

*parte civile* m'accetathomx. Xehed illi t-tfal keinu imsiefrin mieghu ghal gimgha f'Dicembru 2018 u kif gew lura mis-safar, hu zamm it-tfal ghal gimgha ohra, ghax il-mara riedet ssiefer mal-partner taghha, u ghalhekk hadd illi l-manteniment ta' qabel kienu preskritti.

**Ikkunsidrat**

Illi n-notifika lill-istess imputat saret skond il-Ligi (Legislazzjoni Sussidjarja 9.22 tal-Ligijiet ta' Malta) u entro t-terminu legali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi ghalkemm l-imputat hallas l-ammont dovut minn Awwissu 2018 sa Dicembru 2018, dan sar tardivament u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta; Malta. Illi inoltre l-ammont dovut bhala manteniment minn Marzu 2018 s'Awwissu 2018 ghadu ma thallasx.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat d-dokumenti u l-provi kollha, semghat ix-xhieda u rat l-artikoli 7, 18, 31(g) u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija konvinta illi tali akkuzi gew ppruvati sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk qeghda ssib lil imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **xahrejn (2) prigunerija effettiva**.

4. Illi Carmelo SAMMUT ħassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu u dan wara li ressaq is-segwenti aggravji :

(1) Illi l-Qorti tal-Maġistrati qieset dan il-każ bħala wieħed kontinwat fejn konsegwentement ma qisietx il-preskrizzjoni ta' sitt xhur skond l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali għal kull darba li l-appellant naqas milli jħallas il-manteniment fiż-żmien stipulat. Kull ksur tal-Liġi konsegwenti n-nuqqas ta' ħlas puntwali kellu jitqies bħala reat separat għal kull perijodu ta' inadempjenza. Kull episodju ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment puntwali kellu jitqies bħala reat separat u ma setgħax jiġi miġbur

taħt il-kappa tar-reat kontinwat. Konsegwentement il-kawża kellha titqies bħala waħda preskritta.

(2) L-appellant ma setgħax jinstab ħati lanqas peress illi l-akkuża ma speċifikatx id-dati tar-reat meta din id-data setgħet tiġi determinata mill-Prosekuzzjoni.

(3) Alternattivament il-piena hija waħda eċċessiva u qrib il-massimu aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li llum il-ġurnata l-appellant ħallas is-somma ta' erbat elef u mitejn euro (€4200) tramite ħuh li juri allura r-rieda tajba tiegħu.

**Ikkunsidrat**

5. Illi nhar is-17 ta' Diċembru 2018, Dorianne Sammut irrapportat ġewwa l-Għassa tas-Sliema illi żewġha, l-appellant, kien naqas milli jħallasha l-manteniment dovut lilha għaż-żewġ uliedha għax-xhur ta' Marzu 2018 sa Diċembru 2018 fl-ammont globali ta' ħamest elef tminn mija u ħamsin euro (€5850) u dan wara li B'digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili bin-numru 220/13AL datat l-10 ta' Diċembru 2015 l-Imħallef Abigail Lofaro kienet ordnat lill-appellant sabiex iħallas il-manteniment għal uliedu fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600) fix-xahar. Il-Pulizija ppruvaw jikkomunikaw mal-appellat iżda mingħajr suċċess. Sussegwentement ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn dik il-Qorti sabitu ħati u kkundannatu għall-piena ta' xaharejn priġunerija.

**Ikkunsidrat**

6. Illi oriġinarjament il-Prosekuzzjoni kienet xliet lill-appellant bir-reat taħt l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali bħala li kien kommess f'dawn il-Gżejjer bejn il-perjodu Marzu 2018 u Diċembru 2018. Iċ-ċitazzjoni oriġinali ma kwalifikatx ir-reat bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

7. Mill-verbal tas-seduta jirriżulta kjarament li kien biss wara li l-imputat, issa appellant, kien eċċepixxa l-preskrizzjoni li l-Uffiċjal Prosekutur talab il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni sabiex l-istess imputazzjoni tiġi taqra li kienet kwalifikata ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

8. Din il-Qorti diversi drabi kellha l-opportunita li tirribadixxi l-posizzjoni regolanti tibdiliet jew żidiet li jistgħu jsiru fiċ-ċitazzjoni matul il-kors tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[1] Diversi sentenzi saħqu li meta l-Prosekuzzjoni tirrealizza li tkun għamlet xi żball fiċ-ċitazzjoni, hija kellha d-dmir tagħmel talba għall-korrezzjoni tempestivament.[2] Din il-posizzjoni ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo***[3] nonche fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Rita Theuma***.[4] Fis-sentenza ***Azzopardi*** aktar il-fuq imsemmija din il-Qorti - kif presjeduta - kienet daħlet ukoll f'analiżi dwar is-sitwazzjoni fejn, fil-kors tal-proċeduri infushom, jirriżulta li jkun hemm xi diskrepanza – ossija varjanza - bejn dak imsemmi fiċ-

[1] Ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi*** tal-15 t'Ottubru 2019.
[2] ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005.
[3] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[4] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.

ċitazzjoni u dak li jkun qiegħed jirriżulta lil Qorti tal-Maġistrati matul il-kors tal-proċeduri. Dil-Qorti stqarret :

41. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-*ius receptum,* tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[5] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

42. Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

...

49. Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss *variance*, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. *Variance* tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,[6] allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum. F'dan il-każ pero il-varjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, inkluż mill-azzjoni u x-xiehda tal-appellant innifsu u mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile. Għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

---

[5] skont l-artikolu 374(*i*)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti *ex officio* bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

[6] Ara ***Il-Pulizija vs Joseph Calleja et***, Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

9. Issa f'dan il-każ jirriżulta li wara li nqrat l-imputazzjoni fiċ-ċitazzjoni, l-imputat kien pront jissolleva l-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni. Kien f'dak l-istadju li l-Uffiċjal Prosekutur talab li jkun hemm il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fis-sens li jkun hemm iż-żieda tal-kwalifika tar-reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

10. Din il-Qorti jidhrilha li l-Uffiċjal Prosekutur setgħa trankwillament jagħmel din it-talba qabel jew fil-bidu nett tas-smiegħ tal-kawża – iżda mhux meta d-Difiża tkun, fuq iċ-ċitazzjoni notifikata lilha, issollevat eċċezzjoni perentorja li, jekk tirriżulta ġustifikata tkun tista' tidderimi l-meritu tal-azzjoni kriminali. Din it-talba kellha ssir *in limine litis* u mhux wara li l-imputat ikun issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq ċitazzjoni li ma kienetx tikkontempla r-reat kontinwat għad-diversi allegati infrazzjonijiet.

11. Ir-raġuni hija li jekk dik it-talba għaż-żieda tal-kwalifika tar-reat kontinwat tiġi milqugħa wara li d-Difiża tkun diġa eċċepiet il-preskrizzjoni fuq l-azzjoni imnissla miċ-ċitazzjoni kif notifikata lilha mingħajr il-kwalifika tar-reat kontinwat, biż-żieda tal-kwalifika tar-reat kontinwat **wara li tkun ġiet imresqa dik l-eċċezzjoni** jiskattaw effetti serji fuq il-parametri tal-azzjoni kriminali in kwantu bis-saħħa tal-Liġi u tal-ġurisprudenza regolanti l-effetti tar-reat kontinwat fuq il-perjodu preskrittiv tal-azzjoni penali, tali żieda jkollha l-effett li, inter alia, tibdel il-parametri temporali dwar meta l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri fir-rigward tal-infrazzjonijiet multipli u separati ġja kontestati lill-imputat fiċ-ċitazzjoni oriġinali.

12. Kif ġie deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Godwin Agius*** tad-9 ta' Jannar 2003 : -

> 6. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:
>
> "F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:
>
> "'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'
>
> "Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> "'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, **kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni**)[7] tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."

13. Jiġifieri ċ-ċitazzjoni għandha wkoll sehem x'toffri fil-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Iżda f'dan il-każ, biż-żieda li kienet qed tiġi mitluba

[7] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

mill-Prosekuzzjoni wara li ġiet propunjata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet ukoll affettwata negattivament u radikalment il-posizzjoni tal-imputat relattivament għall-istess. Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba l-fatt li skont ġurisprudenza paċifika r-reat taħt l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanea. F'dan is-sens ara s-sentenza ***Il-Pulizija vs. Peter Abdilla*** deċiża nhar it-28 ta' Lulju 2010 fejn ġie ritenut hekk :

> Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid li l-akkuza kontra tieghu hi preskritta. Isostni illi stante li hu akkuzat taht l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, a tenur tal- *proviso* ta' l-istess artikolu, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sitt xhur.
>
> Li l-perijodu preskrittiv huwa ta' sitt xhur huwa minnu, izda hawn qieghed jigi attribwit lill-appellant reat kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Din il-kwistjoni giet trattata fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. John Chircop** deciz fit-3 ta' Novembru 2005 fejn intqal:
>
> **"Illi dwar l-ewwel tlitt aggravji li jirrigwardaw l- preskrizzjoni, din il-Qorti taqbel li r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kap.9 huwa wiehed istantenju u mhux permanenti. Dan pero' jigi kommess appena jiskadu hmistax il-jum mid-data meta l-pagament ordnat jew miftiehem suppost ikun sehh. Jidher li fir-rikors tal-appell hemm certa konfuzjoni ta' ideat bejn reat permanenti (continuing offence) u reat kontinwat (continuous offence). Kif tajjeb intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim'Imhallef) V. De Gaetano, fil-kawza: "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" [3.11.1995]**
>
> **" 'Il-kuncett ta' "continuous offence" jincidi primarjament fuq il-komputazzjoni tal-piena filwaqt illi l-"continuing offence" jincidi fuq l-aspett sostantiv tar-reat. Fil-fatt dawn huma zewg koncetti guridikament differenti u separati minn xulxin. Id- diffikolta' doppja li tinholoq hija li bit-test Malti hafna drabi nirriferu kemm ghall-"continuing offence" kif ukoll ghall-"continuous offence" bhala reat kontinwat, benche' li huma zewg kuncetti guridikament differenti minn xulxin. ....Il-fatt jibqa' wiehed li l-gurisprudenza tindika bl-izjed mod car li l-artikolu 338(z) huwa reat istantaneju u mhux kontinwat ("continuing")"**
>
> **"Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser li numru ta' reati kontravvenzjonali ta' natura istantanja ma jistghux - anki a beneficcju tal-akkuzat – jingabru flimkien mill- Prosekuzzjoni bhala reat kontinwat, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ukoll fl-istess sentenza appena citata rriteniet li dan hu possibbli.**

**“Ghal dawn iz-zewg tipi ta’ reati, cioe` r-reat kontinwat u r-reat permanenti (continuing offence) ir-regoli tal- preskrizzjoni mhumiex l-istess. Difatti skond l- artikolu 691(1) fil-waqt li fil-kaz tar-reat kontinwat kontemplat fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, fil-kaz ta’ reat permanenti dan jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.**

**“Issa fil-kaz in ezami l-akkuza hija li ma thallasx il- manteniment dovut fid-dati tas-26 ta’ Jannar, 9 ta’ Frar u 23 ta’ Frar, 2005. Illi kif gja gie ritenut minn din il- Qorti, r-reat kontravvenzjonali istantaneju jigi kommess b’eghluq ta’ hmistax il-jum wara d-data tal- iskadenza li tkun u mhux fid-data tal-iskadenza. (ara.App.Krim. “Il-Pulizija vs.David Camilleri” [22.3.2005])**

**“Issa s-subinciz (z) tal-artikolu 338 tal-Kap.9, kif emendat, jiddisponi li :-**

***“ ‘Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku , kull min – meta.....hekk marbut b’ kuntratt jonqos li jaghti lil martu..... , is-somma .....stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha...u jew ghall-ulied , fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond ...dak il- kuntratt , ikollha thallas dik is-somma.’***

**“Ghalhekk din il-kontravvenzjoni, fil-kaz tal-appellant, kienet tiskatta appena jigi il-hmistax il-jum wara kull data ta’ kull skadenza settimanali w hu jkun naqas li jhallas is-somma stipulata lil martu sa dak in-nhar.**

**“F’dan il-kaz ghalhekk il-preskrizzjoni trimestrali kontemplata fl-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali, trattandosi ta’ reat kontinwat (continuous offence) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza w cioe` fl-10 ta’ Marzu, 2005. Illi c-citazzjoni odjerna nharget fl-4 ta’ Mejju, 2005 u giet appuntata ghas-smiegh ghas-6 ta’Gunju, 2005 (Fol.1) u giet notifikata lill-appellant (kif jidher mir-riferta pozittiva a fol.2) fl-1 ta’Gunju, 2005. Hu fil-fatt deher ghall-kawza fis-6 ta’ Gunju, 2005, u dan kollu sar entro t-tlitt xhur tal-preskrizzjoni li kienu jaghlqu fl-10 ta’ Gunju,2005.**

**“Konsegwentement ic-citazzjoni ghar-reat kontinwat kif intavolata w notifikata ma kienet bl-ebda mod preskritta w ghalhekk kull aggravju dwar id-diversi aspetti tal-preskrikzzjoni sollevata qed jigi respint.”**

Fil-kaz odjern, trattandosi wkoll ta’ reat kontinwat (*continuous offence*) fejn il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill- jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi, il-preskrizzjoni (issa ta’ sitt xhur u mhux ta’ tliet xhur) kienet tibda tghaddi minn hmistax-il jum wara l-ahhar skadenza tas-26 ta’ Jannar 2009, jigifieri fl-10 ta’ Frar 2009. Ic-citazzjoni nharget fit-13 ta’ Mejju 2009. Jidher li l-appellant gie notifikat l-ewwel darba fit-18 ta’ Gunju 2009 (ara riferta a fol. 4) jigifieri entro s-sitt xhur tal-preskrizzjoni. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud.

14. Kemm dan ir-reat huwa istantaneu jirriżulta wkoll mill-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Debono*** tas-17 ta' Marzu 1992. F'din is-sentenza l-imputat kien mixli li naqas li jħallas lil martu l-manteniment għal ibnu għax-xhur *Mejju/Ottubru 1989*. Bħal ma ġara f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni oriġinarjament ma kienetx imputat id-diversi nuqqas ta' ħlasijiet tal-manteniment bejn dawk ix-xhur bir-rabta tar-reat kontinwat. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lil John De Bono ħati li naqas milli jħallas il-manteniment u kkundannatu għall-ħlas t'ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira Maltija. De Bono appella u inter alia saħaq li l-azzjoni kontra tiegħu kienet preskritta. Huwa qal li r-reat li bih kien imputat kien kontravvenzjoni li (dak iż-żmien) kienet preskrivibbli bid-dekors ta' tliet xhur. Dak kien ukoll żmien qabel l-introduzzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali u b'hekk il-preskrizzjoni kien ikollha tiġi interrotta bejn seduta u oħra. Huwa kien deher għall-ewwel udjenza f'Novembru 1989, biex imbagħad kien ġie notifikat fit-8 ta' Mejju 1990 biex jidher għas-seduta li kien imiss fil-21 ta' Mejju 1990. Din il-Qorti diversament presjeduta kienet tagħtu r-raġun. F'dak il-każ l-anqas kien hemm talba mill-Prosekuzzjoni sabiex tiġi miżjuda r-rabta tar-reat kontinwat. Dik il-Qorti, minbarra li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u illiberat lill-appellant wara li saħqet is-segwenti :

> Għall-kull *buon fini* jiġi nnotat li r-reat dedott kontra l-appellant huwa dak ikkontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoe li kien naqas li jħallas lil martu l-manteniment għal ibnu meta kien hekk ordnat mill-Qorti. Dan huwa reat istantaneju. L-appellant ma ġiex akkużat bil-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(y) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe li kien ħalla fil-bżonn lit-tfal, li hu reat permanenti.

15. Dan ir-reat li bih ġie mixli SAMMUT huwa minn natura tiegħu reat istantaneu. Għalhekk in kwantu tali, ir-regola tal-preskrizzjoni dwaru hija s-segwenti :

> 691.(1) Għar-reati ikkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

16. L-interpretazzjoni tal-effett tar-reat istantaneju u tar-reat kontinwat fuq il-preskrizzjoni ġiet ukoll elaborata fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Carmel Vella*** tas-6 ta' Jannar 2012. F'dik is-sentenza, ġie ritenut ukoll is-segwenti :

> **L-ewwel aggravju – Punt ta' liġi dwar jekk l-azzjoni hix preskritta.**
>
> L-ewwel problema legali hija dwar ir-reat kontinwat. L-Ewwel Onorabbli Qorti rrefereit għaż-żewġ deċiżjonijiet kuntrastanti li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduti.
>
> L-ewwel deċiżjoni hija 'Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri' l tat-30 t'Ottubru, 2001 fejn intqal hekk:
>
> 'Illi r-reat kontinwat huwa finzjoni legali kreata essenzjalment ghall-beneficcju ta' l-akkuzat b'piena indeterminata li tigi komminata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubju ragonevoli ir-reati individwali komponenti tieghu kif ukoll ippruvata l-ezistenza ta' rizoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk ir-reati ma' xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat innifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista' jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat, bhala finzjoni legali, huwa biss cirkostanza ta' fatt illi, meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghall-konkorrenza tar-reati u lkumulu ta' pieni relattivi. Dan iffisser essenzjalment ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, illi kif inghad qed tabbraccja t-tezi migjuba 'l quddiem mill-appellat, illi anki li kieku kellu jigi accettat li l- kontinwita' hija cirkostanza aggravanti, u li din ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex tigi ffissata l-piena applikabbli ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-piena hija sostenibbli jekk is-singoli reati jkunu diga' jinsabu preskritti skond it-terminu ordinarju stabbilit ghalihom mill-Kodici. Altrimenti, kull konklużjoni differenti twassal ghall- assurdita' legali li jigu maghqudin bil-kontinwita' reati li jkunu individwalment impunibbli ghaliex gia preskritti u fejn in-ness ta' l-istess rizoluzzjoni essenzjali ghar-reat kontinwat, ikun gie, ma' kull skadenza tal-preskrizzjoni ghar-reat individwali, irrevokabbilment miksur jew eliminat.

Din il-Qorti taghmel taghha wkoll is-sottomissjoni li ghamel l-appellat li l-kontinwita' fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artiklu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ghall-finijiet tal-preskrizzjoni "ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett". Ghalhekk, din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, ir-reat kontinwat innifsu wkoll ikun ġie preskritt. '

Iżda fil-ġurisprudenza Maltija nsibu pożizzjoni differenti dwar il-preskrizzjoni fir-reat kontinwat. Filfatt f'sentenza oħra tal-10 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Borg' tal-10 ta' Mejju, 2000, il-Qorti qalet hekk:

'Iż-żieda fil-piena stabbilita bla-rtikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabeix jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jiġi detrminat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m'għandux jieħu in konsiderazzjoni sabeix jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti ; u (b) żieda fil-piena minħabba r-reċidiva. Iż-żieda fil-piena minħabba l- kontinwat mhix imsemmija f'dan l-artikolu 689.

Fil-liġi tagħna r-reat kontinwat, li kien mudellat fuq l- artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bħala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversis reati jitqiesu bħala reat wieħed.

Il-Liġi Taljana viġenti titratta b'mod ferm differenti r-reat kontinwaat għall-fini tal-preskrizzjoni u dna minħabba dispożizzjonijiet ta' liġi li ma għandhom ebda riskontru fil- Liġi tagħna.'

Dis-sentenza tal-10 ta' Mejju 2000 segwiet is-sentenza tal-4 ta' Novembru 1976 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Grazio Zerafa' li kienet sostniet li ż-żieda fil-piena stabbilita fl-artikolu 18 tal-Kap 9 għandha tittieħed in konsiderazzjoni.'

Din il-Qorti ser issegwi s-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2000 u dik tal-4 ta' Novembru 1976 għaliex legalment aktar jagħmlu sens ġaladarba wieħed jaċċetta l-mod kif inhu ttrattat ir-reat kontinwat fil-Liġi tagħna, liema trattament huwa differenti minn kif huwa meqjus ir-reat kontinwat f'Liġijiet oħrajn. It-test tal-Liġi jgħid hekk: 'dawn l-atti jitqiesu bħala wieħed'. Għalhekk l-argument li jidher fl-ewwel sentenza ċitata aktar 'il fuq jaqa' għaliex ma jifdalx aktar reati li mietu wieħed, wieħed iżda ġaladarba l-katina r-reati tgħaqqad ir-reati kollha, dawn jibqgħu' ħajjin għall-fini tal-preskrizzjoni. L-imputat ikun ħa l-vantaġġ permezz tal-artikolu 18. Iżda mal-vantaġġ irid jieħu wkoll l-iżvantaġġ. L-artikolu 689 tal-Kap 9 isemmi r-reċidiva iżda ma jsemmix ir-reat kontinwat. Dan l-artikolu l-aħħar li ġie emendat kien fis-sena 1900 u kieku sa llum il-Leġislatur ried idaħħal ir-reat kontinwat, kellu żmien biżżejjed biex jagħmlu. Iżda dan ma setax jagħmlu mingħajr ma jibdel il-kunċett kif radikat fl-artikolu 18.

> Skont l-artikolu 691, il-preskrizzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-Liġi.

17. Jiġifieri l-istitut tar-reat kontinwat huwa finzjoni legali li huwa maħsub li jivvantaġġja lill-imputat in kwantu jevita li f'każ ta' sejbien ta' ħtija għad-diversi infrazzjonijiet tal-Liġi l-imputat jeħel pieni kumulattivi. Mill-banda l-oħra dan jimporta miegħu żvantaġġ li allura l-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat istantaneju tkun regolata b'mod differenti milli dak ir-reat ikun qiegħed jiġi prosegwit mingħajr ma jiġi imputat fil-kuntest tar-rabta tar-reat kontinwat. Jiġifieri jekk sensiela ta' infrazzjonijiet jifformaw għadd ta' reati istantaneji u jiġi imputati bħala tali mingħajr ma jiġu minsuġa flimkien mill-Prosekuzzjoni bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, dawk ir-reati jiġu regolati <u>mhux</u> bħala reat kontinwat.

18. Oriġinarjament il-Prosekuzzjoni għażlet li ma tixlix lill-imputat appellant bir-reat kontinwat. Kien wara li qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li mbagħad il-Prosekuzzjoni talbet iż-żieda tar-rabta tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Joseph Cini*** deċiża minn din il-Qorti nhar il-5 ta' Lulju 1996 ġie deċiż illi:-

> Bhalma l-paragrafi t' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali (re: konkors ta' reati u ta' piena) ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu applikati mill-Qorti jekk il-prosekuzzjoni ma tressaqx aktar minn imputazzjoni ta' reat wiehed fl-istess kawza, hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament, trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, l-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.

19. Jiġifieri kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li, jekk trid, timputa d-diversi infrazzjonijiet bħala li jkunu marbuta flimkien bir-reat

kontinwat. Meta ma tagħmilx hekk, *hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament, trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza.*

20. Ġaladarba l-Prosekuzzjoni naqset milli timputa li dawk l-infrazzjonijiet kienu marbuta bħala reat kontinwat mill-bidu nett ma setgħetx, meta ġiet maqbuda fuq sieq waħda wara li d-Difiża tkun eċċepiet il-preskrizzjoni fuq imputazzjonijiet oriġinali mhux kwalifikati bir-reat kontinwat, tibdel il-parametri tal-azzjoni kriminali kontra tal-imputat billi tibdel l-istatus legali tal-azzjoni penali b'mod partikolari dik regolanti l-preskrizzjoni billi titlob iż-żieda tar-reat kontinwat wara li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tkun ġiet eċċepita mid-Difiża. Il-Prosekuzzjoni kien messha ħasbitha u ratha qabel.

21. Għaldaqstant dil-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant relattivament għall-fatt li l-preskrizzjoni sollevata minnu kellha titqies fl-isfond tal-imputazzjonijiet kif oriġinarjament dedotti għandu jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

22. Illi l-appellant kien irrikonoxxa li huwa kellu jħallas il-manteniment lil martu mir-retta li kienet dovuta minn Awissu 2018 sa' Marzu 2019. Jirriżulta li dan il-ħlas effettivament sar u ġie aċċettat mill-parte civile. Fil-verbal tas-seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-9 t'April 2019 l-appellant saħaq li l-

preskrizzjoni kienet tapplika għar-rigward tan-nuqqas ta' ħlasijiet ta' manteniment dovut għax-xhur Marzu 2018 sa Awissu 2018. Mill-banda l-oħra fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant saħaq li ġaladarba n-notifika taċ-ċitazzjoni kienet saret fit-8 t'April 2019, kull reat li kien seħħ qabel it-8 ta' Novembru 2018 kien milqut mill-preskrizzjoni ta' sitt xhur biex b'hekk l-imputazzjonijiet setgħu jiġu arġinati għax-xhur ta' Novembru 2018 u Diċembru 2018, li fi kwalunkwe każ, kienu ġew imħalsa.

23. Illi mill-atti jirriżulta li kienu saru żewġt tentattivi ta' notifika personali lill-appellant bil-mezz ta' notifika skont il-proċedura speċjali misjuba fl-Avviż Legali 335 tal-2014 u li saru fl-20 ta' Frar 2019 u fil-21 ta' Frar 2019. Wara t-tieni tentattiv ta' notifika tal-21 ta' Frar 2019, miċ-ċertifikat tan-notifika eżebit a fol 5 jirriżulta li *peress illi ma rrisponda ħadd, jien ħallejt it-taħrika/waħħalt it-taħrika mal-bieb, fl-aħħar indirizz reġistrat, u ċjoe kif muri fuq quddiem*.

24. F'dan il-każ ma hemmx il-prova uffiċjali mir-Reġistru Elettorali fir-rigward ta' liema kien l-aħħar indirizz reġistrat tal-appellant meta dan ġie biex jiġi notifikat bil-proċedura aktar il-fuq imsemmija. Iżda a fol 20 pero hemm indikazzjoni dwar dan l-indirizz li toħroġ mill-NPS 6/L/4975/2018.

25. In-notifika ma setgħetx issir ai termini tar-regolament 4 tal-Avviż Legali de quo in kwantu jirriżulta miċ-ċertifikat tan-notifika li fid-dar fejn saru ż-żewġt tentattivi ta' notifika ma rrisponda ħadd.

26. B’hekk jirriżulta li ttieħdet id-deċiżjoni li ssir notifika taċ-ċitazzjoni bil-proċedura msemmija fir-regolament 8 tal-istess Avviż Legali li jgħid :

> (1)(a) Fil-każ li mat-tieni tentattiv li tiġi notifikata l-persuna, in-notifika tal-att ġudizzjajru ma tistax issir skont ir-regolamenti 4 u 5, l-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew iwaħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat:
>
> Iżda l-uffiċjal ma jistax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal.
>
> (b) Barra minn hekk estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f’wieħed mill-ġurnali ta’ kuljum, liema estratti għandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta’ min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta’ identifikazzjoni legalment validu ta’ min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta’ fejn ser isir is-seduta, id-data u l-ħin ta’ fejn ser issir is-seduta u l-akkużi:
>
> Iżda, jekk l-aħħar indirizz reġistrat ma jkunx magħruf, għandu jkun biżżejjed u persuna għandha titiqies bħala notifikata, jekk l-estratti tal-att ġudizzjajru jiġu ppubblikati skont il-paragrafu (b).
>
> (2) L-uffiċjal li jwettaq in-notifika skont is-subregolament (1)(a) u (b) għandu jikkompila ċertifikat ta’ notifika skont ir-regolament 14.
>
> (3) Kopji tal-estratti ppubblikati kif meħtieġ bil-proviso għas-subregolament (1)(b) għandhom jiġu eżibiti quddiem il-Qorti mill-Uffiċjal tal-Prosekuzzjoni u dan il-fatt għandu jitniżżel fil-proċeduri tal-Qorti.

27. Il-pubblikazzjoni relattiva tirriżulta minn fotokopja, mhux awtentikata, ta’ dak li jidher li huwa l-estratt tal-ġurnal ta’ kuljum The Malta Independent pubblikat fit-3 t’April 2019. Jirriżulta wkoll li huwa ppreżenzja ruħu għas-seduta li seħħet fit-8 t’April 2019.

28. Jiġifieri semmai, l-argument tal-preskrizzjoni japplika fir-rigward ta’ dawk in-nuqqasijiet ta’ ħlasijiet ta’ manteniment bi ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u li kienu jaħbtu lil hinn mill-perjodu ta’ sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni. Jiġifieri jirriżulta għalhekk li l-azzjoni kriminali għall-infrazzjonijiet kommessi fix-xhur

Ottubru, Novembru u Diċembru 2018 (in kwantu għal dak il-manteniment li kien dovut skont kif jirriżulta mill-provi li għalihom kienet tirreferi l-imputazzjoni jiġifieri sad-9 ta' Diċembru 2018) kienu għadhom mhux preskritti u b'hekk l-azzjoni penali kontra tal-appellant relattivament għall-istess hija fondata.

29. Il-fatt li l-appellant itenni li huwa ħallas għall-manteniment dovut minnu għal dawn il-perjodi aktar il-fuq imsemmija ma hija ta' ebda konsegwenza fir-rigward tal-ħtija tiegħu f'dan il-każ. Ir-reat maħluq mill-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat in kwantu s-suġġett attiv ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti b'mod skrupoluż u tempestivament. Il-fatt li jkun ħallas l-ammont dovut, u per konsegwenza obda l-ordni tal-Qorti, minkejja li tardivament, jista' jkun fattur li jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex teroga l-piena tagħha.

30. L-appellant jinsisti wkoll li l-imputazzjoni kienet difettuża in kwantu ma kienetx tispeċifika d-dati ta' meta l-manteniment kien dovut u dan peress li d-digriet tal-Qorti Ċivili kien jobbligah li jħallas il-manteniment kull erba' ġimgħat.

31. Fuq dan l-argument l-appellant ma għandux raġun. L-imputazzjoni ssemmi l-minimu meħtieġ u li dwaru l-appellant setgħa jagħraf faċilment għall-liema perjodu ta' żmien l-imputazzjoni kienet qegħda tirreferi. Il-fatt li jridu jkunu għaddew il-ħmistax il-jum minn meta l-pagament kellu jsir ma jbiddilx dan ix-xenarju. Mill-provi ħareġ ċar għall-liema perjodu il-Prosekuzzjoni kienet qegħda tirreferi; u l-parte ċivile semmiet ukoll sakemm kienet qegħda tippretendi l-kawża tagħha f'dan il-każ ċjoe d-9 ta' Diċembru 2018. Din il-Qorti tqis li l-parametri tal-azzjoni de quo, li ma kienetx milquta

mill-preskrizzjoni kif spjegat aktar il-fuq, kienet ċirkoskritta bil-provi prodotti sad-9 ta' Diċembru 2018.

# Deċide

Għall-dawn il-motivi din il-Qorti, tilqa' l-appell in parti billi tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tar-reati kontestati lilu u fejn irriteniethom bħala kwalifikati bir-reat kontinwat taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u fejn ikkundannatu għall-piena ta' xahrejn priġunerija u minflok:

(a) Tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta in kwantu preskritta fir-rigward tal-ksur tal-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali kommess mill-appellant relattivament għall-iskadenzi li kienu jaqgħu bejn ix-xhur ta' Marzu 2018 sa Settembru 2018 u b'hekk tillibera lill-imputat appellant minn kull ħtija u piena biss u limitatament fir-rigward tar-reat de quo kommess minnu bejn dawn ix-xhur ta' Marzu 2018 u Settembru 2018;

(b) Issibu ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali u dan relattivament għall-iskadenzi li kienu jaqgħu bejn ix-xhur ta' Ottubru 2018 u Novembru 2018 u Diċembru 2018 (in kwantu għal dak il-manteniment li kien dovut skont kif jirriżulta mill-provi li għalihom kienet tirreferi l-imputazzjoni jiġifieri sad-9 ta' Diċembru 2018);

(c) U minflok, wara li qieset ukoll li l-appellant kien ħallas l-ammont dovut f'manteniment għall-perjodu bejn Awissu 2018 sa Marzu 2019, il-Qorti hija tal-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u b'hekk tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn millum. Il-Qorti

tiddikjara wkoll li qabel ma għamlet l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, hija fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk il-ħati jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***